**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2012**

| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** __________

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

## Għall-istudent/a

### Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb isemek u kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' ikollok u timla dak li ħallejt barra.



Aqra sew l-istorja <u>Wirdien fix-Xelter</u>

Meta s-sinjura Rożż kienet titwebbel b'xi ħaġa, ħadd ma kien jista' idawrilha fehmitha. Waħħlet f'rasha li trid tinżel fix-xelter biex tara fejn qed jinżlu jilagħbu t-tfal. Min jaf fil-gwerra f'kemm xeltrijiet kienet niżlet! Iżda dik il-ħabta s-Sinjura Rożż kienet għadha ma ġietx toqgħod ir-raħal u għalhekk qatt ma kienet niżlet fix-xelter taz-zija. ***(par.1)***

It-tfal kienu mħassbin ġmielhom. X'jaqbdu jagħmlu? Jekk is-Sinjura Rożż tinżel fix-xelter bilfors tinduna bil-ħofra li kienu fetħu, u li minnha kienu jinżlu ġol-għar. Mur ara jekk is-Sinjura Rożż tkun taf b'dan kollu … kieku r-raħal kollu jsir jaf. Jew twaħħal f'rasha li hemm xi periklu u tgħid b'kollox liz-zijiet?! X'jaqbdu jagħmlu? ***(par.2)***

"Min jaf li kellna llejla stess nerġgħu nsoddu l-ħofra kif kienet?" qalet it-tifla waqt li kienu miġburin fil-kamra tas-sodda wara l-ikla ta' nofsinhar. ***(par.3)***

"Ma jistax ikun!" qabeż Louis iħokk geddumu u jaħseb, "L-ewwelnett bħalissa hawn iz-ziju, u t-tieni sa għada t-tajn ma jilħaqx jinxef u l-ħofra tibqa' tidher xorta waħda." ***(par.4)***



Komplew iħabblu moħħhom fis-skiet. Louis qam bilwieqfa f'salt wieħed u deher jitbissem: "Ħsibtha!" qalilhom, "Tiftakru meta z-zija u s-Sinjura kienu qed jitkellmu fuq kemm jibżgħu mill-wirdien? Ara x'nagħmlu: inpinġu ħafna wirdien tal-kartun u nwaħħluhom sewwa bid-dqiq mal-ħitan tax-xelter. Inwaħħluhom sewwa sew kif tidħol. Ibqgħu ċerti li malli s-Sinjura Rożż tarahom titwerwer u terġa' lura." ***(par.5)***

"Iva, iva." żied Mario, "F'dak id-dlam t'hemm isfel żgur mhux se tinduna li jkunu tal-kartun." ***(par.6)***

Dak il-ħin stess Rita tatha għat-tpinġija. Louis mar ġab biċċa kartuna, Mario mar jissellef l-imqass taz-zija u fi ftit ħin kienu ġa lestew tużżana wirdien daqshiex. Rita ġabet ukoll minċott ħajt kannella biex tagħmel bih il-mustaċċi tal-wirdien. Tassew ġew sewwa! Ma kontx tgħid li m'humiex wirdien ħaj. ***(par.7)***



L-għada, Louis bakkar aktar mis-soltu u niżel inkiss inkiss fix-xelter biex jipprepara kollox. Ma damx wisq jaħdem. Fi ftit minuti l-ħitan tat-tarag tax-xelter kienu miksijin b'kull wirdiena daqs farfett. Itiru kien jonqoshom. Rita u Mario gergru għax ma ħadhomx miegħu għal dil-biċċa xogħol, iżda Louis ma kienx iħobb min ifixklu meta jkun qed jagħmel xi ħaġa importanti. ***(par.8)***

**(addattata minn *Il-Għar tax-Xelter* ta' Trevor Żahra)**

| Taqsima A | Il-Qari | (30 marka) |
|---|---|---|

**Aqra l-istorja *Wirdien fix-Xelter* fuq paġni 2 u 3 u wara wieġeb.**

**1. Ikteb *VERU* jew *FALZ* ħdejn kull sentenza.** **(4 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | It-tfal ma ridux li s-Sinjura Roż tinżel fix-xelter. | |
| b. | Is-Sinjura Roż minn dejjem kienet toqgħod fir-raħal. | |
| ċ | Rita ppreparat il-wirdien tal-kartun waħedha. | |
| d. | Ix-xelter kien mudlam. | |



**2. Għal xiex qed jirreferu l-ittri mmarkati skuri fil-kliem li ġej. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** **(2 marki)**

a. *minn**ha** kienu jinżlu ġol-għar (par. 2).* ***ha*** *qed tirreferi*

| | |
|---|---|
| | għall-ħofra li sabu fix-xelter. |
| | għall-ħofra li fetħu fix-xelter. |
| | għad-daħla tax-xelter. |

b. *malli s-Sinjura Roż tara**hom** (par. 5).* ***hom*** qed tirreferi

| | |
|---|---|
| | għall-ħitan tax-xelter. |
| | għall-wirdien li jgħixu fix-xelter. |
| | għall-wirdien li għamlu t-tfal. |

**3. Sib kelma jew frażi <u>mis-silta</u> li tfisser l-istess bħal:** **(4 marki)**

| | | **<u>Kliem mill-istorja</u>** |
|---|---|---|
| a. | inkwetati ħafna | ***(par. 2)*** |
| b. | f'daqqa waħda | ***(par. 5)*** |
| ċ. | tibża' ħafna | ***(par. 5)*** |
| d. | qam kmieni | ***(par. 8)*** |

**4. <u>Mis-silta</u>** sib u ikteb espressjoni li tfisser ***<u>bil-mod u bla ħoss</u>.***

_________________________ **(2 marki)**

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek.**

a. Għaliex it-tfal ma ridux li z-zija tinżel fix-xelter? ***(par.2)*** **(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

b. Min ġietu l-idea li jpinġu l-wirdien? ***(par.5)*** **(2 marki)**

______________________________________________________________

ċ. Kif kienu jafu t-tfal li s-Sinjura Roż kienet tibża' mill-wirdien? ***(par.5)*** **(2 marki)**

______________________________________________________________

d. Xi tfisser "**ir-raħal kollu jsir jaf**"? ***(par.2)*** **(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**6. Imla b'verb adattat skont l-għerq fil-parentesi.** **(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Kull filgħodu oħti _____________ tal-linja. | **q-b-d** |
| b. | Ilbieraħ _____________ nimxi kmieni. | **ħ-r-ġ** |
| ċ. | Aħna _____________ l-ħelu lil sħabna. | **q-s-s-m** |
| d. | Smajt lix-xwejħa _____________ . | **g-r-g-r** |
| e. | Għandna _____________ snienna darbtejn kuljum. | **ħ-s-l** |



**7. Imla l-vojt skont x'jitolbok fil-kolonna tal-ġenb.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Sara ***xtrat*** libsa ġdida. | **Verb** minn *xtara* |
| b. | Kien hemm _________________ fir-razzett. | **Il-Femminil** ta' *barri* |
| ċ. | _________________ dak li għidtlek! | **L-Imperattiv** ta' *għamel* |
| d. | Xtrajna ħames _________________ . | **Il-Plural Sħiħ** ta' *ġbejna* |
| e. | Ommi _________________ id-dar. | **In-Negattiv** ta' *kienet* |
| f. | Il-programm idum ______________________ ______________________ minuta. | *45* **fi kliem** |

| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
|---|---|---|

**1. Il-mili ta' formola** **(5 marki)**

**Imla din l-applikazzjoni biex tieħu sehem f'pantomina.**

| Pantomina *"Ġaħan u Santa Klaws"* imtella' mill-għaqda Talent Malti. Applikazzjoni għal atturi/żeffiena/kantanti | | | |
|---|---|---|---|
| Isem: | | Kunjom: | |
| Kuntatt (telefown jew imejl): | | | |
| Inti tagħmel parti minn xi għaqda tad-drama/kant/żfin? | | ***Iva*** (ikteb isem l- għaqda) jew ***Le*** | |
| X'esperjenza għandek fuq il-palk? | | | |
| X'tixtieq tagħmel f'din il-produzzjoni? (immarka dik li tixtieq) | | Kantant/a<br>Żeffien/a<br>Attur/Attriċi |  |

**2. Il-kitba ta' istruzzjonijiet** **(5 marki)**

Kif tipprepara sendwiċ? Xi jrid ikollok biex tibda? X'tagħmel l-ewwel? Kif tkompli?

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________



**3. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn.** **(20 marka)**

**a. Meta Toni u Rita ntilfu.**

*Ħares lejn din l-istampa u rrakkonta l-istorja ta' Toni u Rita. Kif intilfu? Għaliex spiċċaw waħedhom? X'raw? X'ħassew? X'għamlu? Sabu t-triq lura jew sabhom xi ħadd? Kif marru lura d-dar?*



**b. Ħarġa ma' tal-klassi.**

*Fejn mortu? X'rajt? Għid x'tgħallimt u fejn tixtieq tmur id-darba li ġejja.*

**ċ. Persuna speċjali.**

*Min hu/hi din il-persuna? Ikteb dwar il-karattru u d-dehra tiegħu/tagħha. Għaliex din il-persuna hi daqshekk speċjali?*

**d. Immaġina li int ktieb.**

*Irrakkonta l-ħajja tiegħek. Fejn tinsab? Min jaqrak? X'tara kuljum? Għandek xi storja speċjali x'tirrakkonta?*

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan għall-kitba tiegħek.**
**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

___

___

___

___

___

___

___

___

___



**TMIEM IL-KARTA**